MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 15 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 16 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella Gafà |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji;

15.1.1 Il-President qara l-ittri ta’ apoloġija mibgħuta mis-Sindki tal-Ħamrun, Marsaxlokk, Il-Marsa u Iż-Żejtun fejn taw ir-raġuni li għaliha ma setgħux jattendu.

15.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b’mod unanimu.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tal-erbatax-il (14) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

15.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Maria Magri u ssekondata mis-Sur Stephen Sultana, il-Membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b’mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 15.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

15.3.1 Il-President qal li mill-kummenti li qed jidħlu għand il-Kunsill Reġjonali, jidher li l-attivitajiet li saru u l-programm tar-Reġjun Kulturali tan-Nofsinhar 2023 qed jintlaqa' tajjeb mill-pubbliku. L-attività li jmiss se tkun il-karnival spontanju tat-tfal li qed jiġi organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li se jsir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar u li fih se jipparteċipaw l-istudenti mill-iskejjel primarji fil-lokalitajiet tar-reġjun.

**- L-ewwel edizzjoni tas-Southern Region Local Councils' race**

15.3.2 Il-President irrefera għal din l-attività u fakkar li nhar it-Tlieta 21 ta' Frar se ssir il-konferenza stampa li fiha se jkunu qed jittellgħu l-poloz taż-żwiemel li se jkunu qed jirrappreżentaw lill-Kunsilli Lokali. Għal din il-konferenza stampa hu importanti li kull Kunsill lokali jibgħat rappreżentant.

**- Kuntratt tal-ġbir tal-iskart**

15.3.3 Il-President qal li ħafna mill-Kunsilli Lokali qed jikkoordinaw mal-kuntrattur u jidher li s-servizz qed jitjieb, minkejja li għad hemm numru ta' sfidi li jikkonċernaw skart minn stabbilimenti kummerċjali. Bħalissa għaddej eżerċizzju mal-kuntrattur sabiex issir evalwazzjoni tal-ispiża tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli minn stabbilimenti kummerċjali li ma jinsabux f'żoni industrijali u li mhumiex ristoranti jew lukandi. Il-President semma' kif matul il-ġimgħa d-dieħla l-Kunsill Reġjonali hu msejjaħ għal numru ta' laqgħat fejn se jiġu indirizzati dawn l-isfidi u jiġu stabbiliti sistemi ta' ħlas għas-servizz mill-Kunsilli Lokali.

**- Studju u rapport tal-evalwazzjoni tal-impatti soċjali**

15.3.4 B'referenza għal dan l-istudju, il-President ressaq dokument bil-mistoqsijiet li se jiġu mistoqsija waqt il-focus groups u waqt il-kwestjonarju lir-residenti. Id-dokument intbagħat lill-Membri qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri.

15.3.5 Il-Membri ddiskutew id-dokument u approvaw il-mistoqsijiet li se jiġu mistoqsija lill-parteċipanti waqt ir-riċerka.

**- Kummenti**

15.3.6 Waqt il-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Stephen Sultana ssuġġerixxa li l-Kunsill Reġjonali joħroġ sejħa pubblika fuq bażi reġjonali għal servizzi ta' inġinerija mekkanika u elettrika sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu minnhom il-Kunsilli Lokali, l-istess kif sar għas-servizzi ta' perit, DPO u konsulent legali.

15.3.7 Il-President qal, li jekk il-Membri preżenti jaqblu mas-suġġeriment tas-Sur Sultana, hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

15.3.8 Il-Membri preżenti qablu mas-suġġeriment tas-Sur Sultana u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jibda jaħdem fuq il-proċess tal-pubblikazzjoni tat-tender.

## 15.4 Skeda ta' Pagamenti;

15.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/23A u 02/23B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

15.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Marija Sara Vella Gafà u ssekondata mis-Sur Frederick Cutajar, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 15.5 Financial Statements 2022;

15.5.1 Il-President qal li minħabba li għadu kif ġie fis-seħħ il-kuntratt mal-accountant il-ġdid, il-financial statements għas-sena li għadha kif intemmet għadhom ma ġewx konklużi. Għaddejja ħidma kontinwa bejn il-Kunsill Reġjonali, l-accountant preċedenti u l-accountant il-ġdid sabiex il-financial statements 2022 jiġu konklużi u jkunu jistgħu jiġu ppreżentati l-ġimgħa d-dieħla. Għaldaqstant se jkun hemm bżonn li terġa' tissejjaħ laqgħa oħra l-ġimgħa d-dieħla qabel jintbagħtu l-unaudited financial statements lill-awdituri.

## 15.6 Pjan ta’ Ħidma 2023-2027;

15.6.1 Il-President ippreżenta d-dokument bil-Pjan ta’ Ħidma 2023-2027 li ntbagħat lill-Membri qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu ta spjega tal-objettivi u l-miri li għandu jilħaq il-Kunsill Reġjonali fil-ħames snin li ġejjin u l-istrateġiji li se jiġu adottati sabiex jiżgura li dawn il-miri jintlaħqu fiż-żmien stipulat. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

15.6.2 Il-Membri preżenti approvaw il-Pjan ta’ Ħidma 2023-2027 b’mod unanimu.

## 15.7 Żvilupp u Titjib ta’ Latrini Pubbliċi;

15.7.1 Il-President ressaq dokument bl-iskema ta’ għajnuna finanzjarja għal żvilupp u titjib ta’ latrini pubbliċi li ntbagħat lill-Membri qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kunsidrat bħala moqri. Hu fisser li din l-iskema qed issir b’kollaborazzjoni mas-Segretarjat tal-Gvern Lokali u mad-Direttorat għall-Istrateġija u Implimetazzjoni ta’ policy fejn il-Kunsill Reġjonali ngħata fondi ta’ 360,000 ewro biex jiġu utilizzati għal din l-iskema. Il-President semma’ kif l-applikazzjonijiet sottomessi mill-Kunsilli Lokali se jiġu evalwati minn bord iffurmat mill-maniġers tal-Kunsill Reġjonali li se jagħtu punteġġi fuq numru ta’ kriterji stabbiliti fid-dokument tal-iskema. Il-proċess se jkun trasparenti u l-punteġġi se jiġu ppreżentati waqt laqgħa tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

15.7.2 Il-Membri preżenti approvaw l-iskema finanzjarja mressqa mill-President.

## 15.8 Affarijiet Oħra;

**- Proposti mill-maniġer ambjentali**

15.8.1 Il-President ressaq żewġ proposti mibgħuta mill-maniġer ambjentali għall-approvazzjoni tal-Membri. L-ewwel proposta hija sabiex il-Kunsill Reġjonali jipparteċipa fl-inizjattiva Prepsoil billi jikkollabora ma' tnax-il Membru fl-UE sabiex isir studju fuq il-kwalità tal-ħamrija u kif din tista' tiġi salvagwardjata. Proposta oħra mill-maniġer ambjentali hi li l-Kunsill Reġjonali jipparteċipa bħala sieħeb strateġiku fl-inizjattiva EPSON. F'din l-inizjattiva, il-maniġer ambjentali se jkun qed jagħmel studju sabiex jiġu identifikati siti f'Malta li huma suxxettibbli għal diżastri naturali filwaqt li jiġi żviluppat pjan ta' rkupru għall-ambjent li ngħixu fih, f'każ li dawn is-siti jintlaqtu minn xi diżastru naturali.

15.8.2 Il-Membri preżenti approvaw iż-żewġ proposti b'mod unanimu.

**- Proposti mill-maniġer respobbli mill-fondi Ewropej;**

15.8.3 Il-President ressaq żewġ proposti mibgħuta mill-maniġer responsabbli mill-fondi Ewropej għall-approvazzjoni tal-Membri. L-ewwel proposta hi sabiex il-Kunsill Reġjonali jissottometti applikazzjoni għall-programm ta' European Solidarity Corps finanzjat mill-UE li hu mmirat għal żgħażagħ ta' età ta' bejn it-18 u t-30 sena. Qabel japplika għal dan il-programm, il-Kunsill Reġjonali jrid jgħaddi mill-proċess tal-Quality Label li jiċċertifika li l-organizzazzjoni hi kapaċi tilħaq il-livelli mitluba għal dan il-programm. It-tieni proposta hi li l-Kunsill Reġjonali japplika għall-inizjattiva Discover EU mill-programm Erasmus+, fejn żgħażagħ sprivileġġjati jingħataw l-opportunità li jivvjaġġaw u jiskopru l-Ewropa. Din tista' tkun opportunità biex issir kollaborazzjoni ma' Kunsilli Lokali ħalli jsiru skambju ta' vjaġġi ma' muniċipji li magħhom saru ġemellaġġi.

15.8.4 Il-Membri preżenti approvaw iż-żewġ proposti b'mod unanimu.

**- Project Green;**

15.8.5 Il-President semma' kif l-Aġenzija Project Green li nħolqot riċentement ħabbret li għandha fondi ta' 10 miljun ewro u qed tilqa' proposti minn Kunsilli Lokali sabiex jiġu identifikati siti li jinsabu sa 10 minuti mixi 'l bogħod miż-żoni residenzjali li għandhom potenzjal li jiġu żviluppati f'żoni ħodor. Hu ħabbar li l-Kunsill Reġjonali qed jikkollabora mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi sabiex jiġi identifikat Wied iċ-Ċawsli f'Ħal Qormi bħala sit li kapaċi jiġi żviluppat f'żona ħadra biex iservi ta' pulmun ambjentali fiċ-ċentru ta' Malta. Il-maniġer ambjentali u l-maniġer responsabbli mill-proġetti qed jassistu f'din il-proposta.

## 15.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

15.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.07 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |